MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tal-21 ta' Frar, 2013

Citazzjoni Numru. 65/2012

**A B f'isimha proprju**
**u b'digriet tal-21 ta' Gunju 2012 giet nominata**
**bhala kuratrici ad litem ta' binha S H**

**vs**

**Direttur Registru Pubbliku; u**
**C H u**
**b'digriet tal-15 ta' Gunju 2012 gie**
**kjamat in kawza C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ippremettiet:

Illi l-esponenti kienet izzewget lil C H nhar id-disgha ta' Lulju tas-sena elfejn u hamsa (09/07/2005), u frott ta' dan iz-zwieg ma kellhom ebda ulied;

Illi l-esponenti u zewgha kienu sseparaw permezz ta' kuntratt pubbliku ta' separazzjoni konsenswali datat sitta u ghoxrin ta' Lulju tas-sena elfejn u hdax (26/07/2011), u l-esponenti kienet irrivertiet ghal kunjom xbubitha;

Illi l-esponenti u zewgha kienu iddikjaraw fl-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni illi kienu ilhom separate de facto ghall-erba' snin illi pprecedew il-kuntratt tas-separazzjoni;

Illi peress li l-esponenti u zewgha l-intimat kienu qeghdin jghixu separatament minn xulxin, l-esponenti imbarkat fuq relazzjoni intima ma C D u frott ta' din ir-relazzjoni intimata twieled il-minuri S nhar is-sitta ta' Frar tas-sena elfejn u tnax (06/02/2012);

Illi peress li ma kienux lahqu ghaddew tliet mitt gurnata (300) mid-data tal-kuntratt ta' separazzjoni bejn l-esponenti u l-intimat C H, ghat-twelid tal-minuri S, l-imsemmi S gie awtomatikament registrat fuq l-intimat C H;

Talbet li l-intimati jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tordna illi jsiru t-testijiet tad-DNA taghha, ta' zewgha C H, u tal-minuri S;
2. Tiddikjara li l-minuri S huwa iben C D;
3. Tordna li jsiru l-korrezzjonijiet mehtiega fl-att tat-twelid tal-minuri S H li jgib in-numru 1117 tas-sena 2012 mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fis-sens illi jigu sostitwiti l-kliem 'C H' bil-kliem 'C D';
4. Tordna li jsiru l-korrezzjonijiet mehtiega fl-att tat-twelid tal-minuri S H li jgib in-Numru 1117 tas-sena 2012 mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fis-sens illi l-minuri jigi konjomu D;
5. Tordna li jsiru l-korrezzjonijiet mehtiega fl-att tat-twelid tal-minuri S H li jgib in-numru 1117 tas-sena 2012 fis-sens illi t-taghrif illi jirrispekkja l-missier tal-minuri, jigi sostitwit fis-sens illi l-missier ikun C D, detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 293588M, ta' wiehed u erbghin sena, imwieled Melbourne l-Awstralja, u joqghod Marsascala;
6. Tordna illi jsiru l-korrezzjonijiet mehtiega fl-att tat-twelid tal-minuri S H li jgib in-numru 1117 tas-sena 2012

fis-sens illi t-taghrif li jirrispekkja n-nannu patern tal-minuri jigi sostitwit fis-sens bil-kliem Carmel D (haj);

Rat il-lista tax-xhieda ta’ l-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li *in forza* taghha huwa eccepixxa:

1. Illi preliminarjament għall-inqas mill-atti li ġew notifikati lill-esponent tidher li hemm nieqsa l-awtorizzazzjoni meħtieġa li permezz tagħha A B ġiet maħtura bħala kuratriċi *ad litem* tal-minuri S H skont id-disposizzjonijiet tal-**Artikoli 782 u 783 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta**;

2. Illi in vena preliminari wkoll huwa essenzjali għall-integrità tal-ġudizzju li C D jkun imsejjaħ fil-kawża ġaladarba f’din l-istanza qed jintalab li ismu jiġi sostitwit ma’ dak tal-intimat C H fiċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri S H;

3. Illli jiġi rilevat li fuq il-mertu b’mod partikolari dwar il-paternità tal-minuri S H, l-esponent naturalment mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk huwa jirrimetti ruħu għar-riżultanzi proċesswali u kif ukoll għas-savju ġudizzju ta’ din il-Qorti;

4. Illi bla ħsara għal premess, biex tirnexxi din l-azzjoni r-rikorrenti f’isimha proprju trid tipprova li fiż-żmien bejn it-tliet mitt ġurnata u l-mija u tmenin ġurnata qabel it-twelid tal- minuri S H, kienet wettqet adulterju ma’ C D u barra minn hekk tipprova xi fatt ieħor li jistà wkoll ikunu testijiet u provi ġenetiċi li jindikaw lil C D bħala l-missier naturali tal-imsemmi minuri S H, u dan *ai termini* tal-**Artikoli 77B tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta**;

5. Illi, dejjem mingħajr preġudizzju għal premess, ir-rikorrenti trid fl-istess waqt tegħleb il-presunzjoni legali maħluqa bis-saħħa tal-**Artikolu 81 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta** billi adegwatament u konvinċentement turi li l-pussess ta’ stat tal-minuri S H ma jaqbilx mal-att tat-twelid tieghu;

6. Illi finalment dejjem mingħajr ħsara għal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir tal-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

7. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Rat in-nota ta' ammissjoni tal-konvenut C H tal-15 ta' Gunju, 2012; li forza taghha huwa ikkonferma :

Illi huwa kien izzewweg lil A B nhar id-disgha ta' Lulju tas-sena elfejn u hamsa (09/07/2005);

Illi sas-sena 2007, huwa u martu kienu diga separati de facto, u kienu jghixu ghal rashom;

Illi mart l-esponenti kienet avvicinatu sabiex jifformalizzaw is-separazzjoni taghhom permezz ta' kuntratt ta' separazzjojni konsesswali wara illi hija kienet bdiet relazzjoni intima ma C D;

Illi fil-fatt il-kuntratt ta' separazzjoni konsenswali bejn l-esponenti u martu kien gie ffirmat nhar is-sitta u ghoxrin ta' Lulju 2011 fl-atti tan-Nutar Dr Joseph Debono;

Illi l-esponenti u martu qatt ma kellhom relazzjoni sesswali bejniethom ghal dawn l-ahhar hames snin;

Illi fit-tieni lok, l-esponenti jammetti :

Ili huwa m'huwiex il-missier bijologiku tal-minuri S H illi twieled nhar is-sitta ta' Frar 2012;

Illi ghalhekk l-esponenti ma jahti bl-ebda mod ghal dawn il-proceduri u m'ghandu jbati l-ebda spejjez;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti ghandha quddiemha talba da parti tal-attrici sabiex ic-certifikat tat-twelid tal-minuri S H jigi emendat fis-sens li missier l-istess minuri ma jibqax jidher bhala C H izda l-wild naturali ta' C D.

**Il-Mertu tal-Kaz**

Il-Qorti tirrileva li l-minuri S H twieled nhar is-6 ta' Frar 2012 u cioe' sitt xhur u nofs wara li l-attrici u l-intimat C H isseparaw legalment permezz ta' kuntratt pubbliku datat is-26 ta' Lulju 2011 ppublikat min-Nutar Dr. Joseph Debono[1]. Fl-istess imsemmi kuntratt, il-partijiet iddikjaraw li m'ghandhomx ulied. Gara izda li ghalkemm il-partijiet kienu ilhom jghixu b'mod separat ghal diversi snin, precizament sa' mis-sena 2007, hadd mill-partijiet ma ghamel xi pass sabiex is-separazzjoni taghhom tigi formalizzata. Kien biss meta l-attrici kellha relazzjoni mal-kjamat in kawza C D li gie ppublikat il-kuntratt ta' separazzjoni bejn l-attrici u l-intimat C H.

L-attrici permezz tal-affidavit taghha[2] tiddikjara u teskludi b'certezza li l-intimat C H huwa l-missier biologiku tal-minuri S u zzid tghid li missier il-minuri huwa C D. C D ukoll jikkonferma dak li tghid l-attrici fis-sens li jiddikjara b'certezza li l-minuri huwa l-wild naturali tieghu u mhux tal-intimat C H imma jzid jghid li peress li ma kienux ghaddew 300 gurnata mid-data ta' separazzjoni bejn l-

[1] Liema kuntratt huwa esebit a fol 6 tal-process
[2] Ara a fol 4 tal-process

attrici u l-intimat C H, il-minuri ma setax jigi registrat f'ismu. Permezz tan-nota ta' ammissjoni tieghu anke l-initmat C H jikkonferma li l-minuri m'huwiex il-wild naturali tieghu. Dan kollu huwa kkorraborat mid-DNA test esebit in atti u li permezz tieghu gie konfermat li l-minuri S huwa verament il-wild naturali ta' C D.

**Dwar l-eccezzjonijiet imressqa mid-Direttur tar-Registru Pubbliku**

Illi dwar l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku u cioe' dik li l-attrici trid tkun awtorizzata sabiex tirrapprezenta l-interessi tal-minuri, l-Qorti tirrileva li jirrizulta li din l-eccezzjoni giet sorvolata permezz tar-rikors tal-21 ta' Gunju 2012 li gie milqugh nhar it-2 ta' Lulju 2012[3].

Illi dwar it-tieni eccezzjoni u cioe' li huwa essenzjali li C D jigi kjamat in kawza sabiex il-gudizzju jkun wiehed integru, il-Qorti wkoll tara li din l-eccezzjoni hija sorvolata permezz tar-rikors datat il-31 ta' Mejju 2012[4] li gie milqugh nhar il-15 ta' Gunju 2012[5].

Illi dwar it-tielet u r-raba' eccezzjonijiet tal-istess Direttur tar-Registru Pubbliku, il-Qorti tirrileva li l-attrici irnexxilha tipprova t-talbiet taghha u dan stante li l-adulterju taghha fil-konfront tal-intimat huwa evidenti mit-test tad-DNA esebit in atti li juri verament li l-minuri m'huwiex il-wild naturali tal-intimat zewgha;

Illi dwar il-hames eccezzjoni, il-Qorti tirrileva li l-attrici rnexxielha teghleb il-presunzjoni legali mahluqa bis-sahha tal-Artikolu 81 tal-Kap. 16 u dan mhux biss permezz tan-nota ta' ammissjoni da parti tal-intimat zewgha izda wkoll permezz tat-testijiet xjentifici tad-DNA esebiti in atti li jnehhu kull ombra ta' dubju dwar il-paternita' tal-minuri.

---

[3] Ara a fol 36 u 37 tal-process
[4] Esebit a fol 27 tal-process
[5] Esebit a fol 30 tal-process

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u konsegwentement:

(1) Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel talba *stante* li tali DNA test sar fil-mori tal-kawza;
(2) Tilqa' t-tieni talba;
(3) Tilqa' t-tielet talba;
(4) Tilqa' r-raba' talba;
(5) Tilqa' l-hames talba;
(6) Tilqa' s-sitt talba.

Bl-ispejjez kontra l-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------